MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 2393/2004/1

**Madis Hotel Limited**

**vs**

**Michael Gauci Maistre u Neil Yeomans**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-22 ta' Diċembru, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' Lm1,318.68 (elf, tliet mija u tmintax-il lira Maltija u tmienja u sittin ċenteżmu) rappreżentanti imgħax legali dovut wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Novembru, 2003.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

Is-soċjeta' attriċi titlob lil dan it-Tribunal sabiex jordna l-konvenuti jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, tliet mija u tmintax-il lira Maltin u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm1,318.68) rappreżentanti imgħax legali dovut wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet "Madis Hotels Ltd vs Michael Gauci Maistre et" (Ċit. Nru. 2573/97 GC) hawn annessa u mmarkata Dok. A.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-risposti fejn ingħad illi:-

Il-konvenut Michael Gauci Maistre jeċċepixxi:

1. L-imkompetenza ta' dan it-Tribunal f'din il-materja.
2. L-infondatezza tat-talba attriċi li għandha tiġi riġettata bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Il-konvenut Neil Yeomans jeċċepixxi:

It-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi u dan stante:

a) Illi fl-ewwel lok, is-soċjeta' attriċi trid tipprova li hija stitwiet il-kawża odjerna u mhux terz (John Zarb) li istitwixxa l-kawża għan-nom tagħha mingħajr il-kunsens u awtorizzazzjoni expressa tal-bord tad-diretturi tagħha.
b) Illi fil-mertu, fejn it-talba tkopri l-perjodu mit-8 ta' Novembru, 1996 sad-data tal-pagament effettiv tad-danni attriċi fis-27 ta' Jannar, 2004, din hija 'res judicata' stante li minkejja rikjesta espressa ta' kundanna ta' imgħax kontenuta wara t-talbiet attriċi fiċ-ċitazzjoni 2573/1997GC, il-Qorti ma kkundannatx lill-konvenut għall-ħlas ta' l-istess imgħax;

c) Illi fil-mertu wkoll, fejn it-talba tkopri l-perjodu wara s-27 ta' Jannar, 2004, isegwi li ma hemm assolutament ebda obbligu ta' ħlas da parti tal-konvenut.

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din l-azzjoni hija azzjoni ġjudizjarja sussegwenti għal sentenza mogħtija bejn il-partijiet fit-22 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet "Madis Hotels Limited vs Michael Gauci Maistre et nomine" (Ċitaz Nru 2573/97 Prim'Awla GC).

F'dik is-sentenza t-talbiet attriċi ġew milqugħa limitatament għas-somma ta' elfejn u tlett mitt lira (Lm2,300) pero` ma ingħatat l-ebda pronunzjament fuq l-interessi o meno allura s-soċjeta` attriċi bil-preżenti proċeduri qed tirreklama l-istess interessi.

Illi jingħad illi dan it-Tribunal mhux xi forum b'xi lok ta' appell minn dik is-sentenza pero` huwa ovvju li dan kien lapsus kalami u in vista ta' obbligazzjoni kummerċjali l-interessi jkunu dovuti.

Dawn l-interessi anki in linea ta' ekwita għandhom jiddekorru mid-data ta' l-ewwel sentenza u ċjoe' mill-28 ta' Novembru 2003. Dawn l-interessi jammontaw għal tletin xahar u huma jammontaw għal erba' mija u disgħa u ħamsin lira Maltin u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm459.99).

Jiddeċiedi għalhekk billi fil-waqt li jilqa' t-talbiet attriċi in parti u jilqa' l-eċċezzjoni konvenuta in parti, u jikkundanna għaldaqstant lill-konvenuti iħallsu in solidum lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' erbgħa mija u disgħa u ħamsin lira Maltin u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm 459.99). In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bin-nofs bejn il-partijiet."

Minn din is-sentenza appellat in via principali s-socjeta` attrici mentri l-konvenut Michael Gauci Maistre appella incidentalment. B’ mod generali huma jaqblu li s-sentenza hi difettuza ghal motiv illi minnha ma jirrizultax car liema wahda mill-eccezzjonijiet moghtija kienet qed tintlaqa’;

Fuq dan il-punt din il-Qorti ma ghandha ebda ezitazzjoni tikkonkludi, bhala espressjoni tal-fehma taghha wkoll, illi s-sentenza appellata hi monka, jekk mhux ukoll radikalment nulla. Ibda biex, fid-dispositiv taghha ma jinghadx liema hi l-eccezzjoni li kienet qed tigi akkolta. F’ dan il-kaz ghandna zewg konvenuti li t-tnejn ipprezentaw id-difizi taghhom b’ eccezzjonijiet varji. *Inter alia*, dawk ta’ l-inkompetenza u tar-*res judicata*, apparti eccezzjonijiet fil-mertu. Kien hemm ukoll sahansitra eccezzjoni ulterjuri dwar assenjazzjoni tad-drittijiet litigjuzi (fol. 100) li t-Tribunal mhux biss injora izda lanqas biss ma ghamel riferenza ghaliha fl-introduzzjoni ghal parti konsiderativa tas-sentenza. Intant, l-eccezzjonijiet surreferiti baqghu ma gewx ezaminati *singulatim*, kif hekk kellu jsir skond ir-rit procedurali, anke tenut rigward ta’ dak li jinghad fl-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12 riferibilment ghad-decizjoni b’ kapi separati ta’ l-eccezzjonijiet ta’ inkompetenza u tar-*res judicata*. Fic-cirkustanzi, l-ilment taz-zewg appellanti jidher gustifikat u ghalhekk din il-Qorti m’ ghandhiex rimedju hlief dak ta’ l-annullament tas-sentenza appellata, u bl-applikabilita` ta’ l-Artikolu 8 (4) ta’ l-Att V ta’ l-1995, tghaddi hi stess biex tiddetermina l-kontroversja bejn il-partijiet;

Mill-atti processwali jirrizulta illi l-kawza prezenti giet istitwita ghaliex is-sentenza tal-Prim’ Awla, Qorti Civili, (Citazz. Numru 2573/1997/GC) bejn l-istess kontendenti, pronunzjata fit-28 ta’ Novembru 2003, ma iddisponietx mit-talba tas-socjeta` attrici ghal hlas ta’ l-interessi dekoribbli mid-data ta’ l-iskrittura tat-8 ta’ Novembru 1996. Ara kopja informi ta’ din is-sentenza a fol. 2 tal-process, esebita mis-socjeta` attrici flimkien ma’ l-att promotur tal-kawza;

Kjarament, minn kif impostata, is-socjeta` attrici qed titlob ir-rimedju prevvist taht l-Artikolu 235 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi f' wiehed mill-provisos tieghu illi "kull wahda mill-partijiet tista', f' kull zmien li jkun quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, bil-mezz ta' rikors gurmanetat ("bic-citazzjoni" fil-mument li giet intavolata l-kawza), id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza". Logikament, dan ifisser illi l-*omissa decisione* tista' tigi utilment prospettata fil-kaz ta' mankanza ta' decizjoni mill-Qorti adita fuq id-domanda li, ritwalment u inkondizzjonatament proposta, tirrikjedi pronunzjament ta' akkoljiment, jew ta' rigett dwarha. Isegwi allura illi jekk fid-dispositiv ta' sentenza tkun tonqos id-decizjoni fuq xi kap determinat tad-domanda dan igib il-vizzju *ab omissa decisione* fir-rigward ta' dan il-kap. Dan ghaliex kif inhu ben risaput, id-decizjoni relattiva, u allura wkoll il-gudikat konsegwenti, ma tistax tigi dezunta minn affermazzjonijiet kontenuti fil-parti razzjonali tas-sentenza. "*Non si da appello dai motivi di una sentenza quando la quistione accennata nei motivi non è risoluta nella parte dispositiva*" (**Kollez. Vol. XXIX P I p 814**);

Dan stabbilit, limitatament ghall-iskop li tinghata twegiba lil certi sottomissjonijiet sollevati mill-konvenuti fl-eccezzjonijiet, ir-risposti ta' l-appelli taghhom u l-appell incidentali, din il-Qorti thoss li ghandha taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Ir-rimedju tar-rettifika bil-procedura prevvista a tenur ta' l-Artikolu 235 tal-Kapitolu 12 ma jistax jigi ostakolat bir-rikors ghad-difiza tar-*res judicata* ghaliex is-silenzju tal-Qorti fuq talba partikulari ma jistax jigi elevat ghall-gudikat. Sewwa ntqal illi "biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwestjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li 'setghet tigi deciza'." (**Kollez. Vol. XLII P I p 98**);

(2) Bhala fatt, il-kaz prezenti ma jinkwadrax ruhu taht id-dispost ta' l-Artikolu 825 (2), kif hekk pretiz mill-

konvenut Neil Yeomans. Dan l-artikolu, infatti, ma jiccentra xejn ma' l-omessa decizjoni izda biss mal-htiega ta' korrezzjonijiet ta' zbalji jew tibdil ta' espressjonijiet oskuri fis-sentenza;

Dan premess, jokkorri issa li din il-Qorti tinvesti l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-konvenut li appella incidentalment. Huwa jargumenta illi anke jekk kellu jkun koncess illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili halliet barra mis-sentenza taghha d-domanda specifika, mertu ta' l-azzjoni odjerna, is-socjeta` attrici ma setghetx, imbaghad, tirrikorri ghar-rimedju tar-re-integrazzjoni tad-decizjoni quddiem it-Tribunal adit;

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti din is-sottomissjoni hi ghal kollox guridikament fondata. Hu komprensibbli minn interpretazzjoni akkurata ta' l-Artikolu 235 tal-Kapitolu 12, konsiderat fl-assjem tieghu, illi r-rimedju ta' l-omessa decizjoni ghandu rabta stretta mad-decizjoni moghtija mill-gudikant li jkun naqas li jistatwixxi fuq xi wahda mid-domandi introdotti fil-kawza quddiemu. Difatti, hu provvdut mill-precitat artikolu illi gjaladarba l-gravam ma jistax jitressaq in sede appell, ir-rimedju hekk koncess ghandu, skond l-ewwel proviso, jattiva ruhu bil-mezz ta' rikors, zmien hmistax-il jum mis-sentenza, lill-qorti ta' l-ewwel grad. Dan jipresupponi zewg affarijiet. Il-wahda, li t-talba proposta fl-amibtu ta' dan l-artikolu, tikkompenetra ruhha ma' dik tad-decizjoni moghtija. Fit-tieni lok, li dik it-talba ssir lill-istess qorti u lill-istess gudikant li jkun ippronunzja d-decizjoni. Jinghad a propozitu illi "meta huwa l-fatt ta' ommessa decizjoni f' sentenza, l-Imhallef li jista', u ghandu, jaghti s-sentenza li giet ommessa huwa l-istess wiehed li qata' l-kawza fejn dik id-decizjoni giet ommessa jekk ikun ghadu jippresjedi l-istess Qorti, u ghalhekk ma jistax jigi rikuzat meta ssir it-talba ghad-decizjoni li giet ommessa" (**Kollez. Vol. XXXI P I p 600**). Dan kollu li nghad jghodd ugwalment ghall-kaz kontemplat taht it-tieni proviso fejn hu konsentit li talba simili tista' ssir f' kull zmien;

Il-konsegwenza li temergi minn din l-analisi tal-Qorti tal-provvediment tal-ligi hi dik li t-talba proposta mis-socjeta` attrici giet introdotta malament quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Ghalkemm hu veru li *ratione valoris* dan it-Tribunal kien hekk kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talba fit-termini ta' l-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380, huwa ma kellux imbaghad il-gurisdizzjoni li jintrattjeni ruhu fuq il-materja tat-talba koncepita fit-termini ta' l-Artikolu 235 tal-Kapitolu 12, in kwantu din kienet *ope legis* tispetta lill-istess Qorti Civili, Prim' Awla li ppronunzjat is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2003.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, prevja n-nullita` tas-sentenza tat-Tribunal adit tat-30 ta' Gunju 2006, tiddikjara illi f' kull kaz dak l-istess Tribunal ma kellux ghar-ragunijiet premessi l-gurisdizzjoni biex jisma' u jiddeciedi t-talba lilu devoluta. Stante c-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz huwa gust li l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------